# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Dsatax (19) ta' Ottubru 2021**

**Rikors Numru 267/2018 FDP**

Fl-ismijiet

**Joseph Cordina (ID 111557M) u martu Pauline Cordina (ID 465660M)**

**Vs**

**Gorcin Co Limited (C 23711)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 23 ta' Marzu 2018, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

    1. *Illi r-rikorrenti daħlu f'konvenju mas-soċjeta' intimata datat tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017), in atti Nutar Dr Jean Paul Farrugia, [hawn anness u mmarkat bħala Dok A] fejn is-soċjeta' intimata obbligat ruħha li tbiegħ, tassenja u titrasferixxi lir-rikorrenti:*

        *The apartment which will be internally numbered five (5) which apartment will have an internal superficial area of circa forty-five square metres (45m2) to be situated at fifth floor level ( being the sixth level of building from street level), excluding the overlying space, forming part of the block without official number, to be*

*named " Camelia Suites", which will be constructed in lieu of the terraced house named "Cornelia", which had an official number sixty (60) having a facade onto Triq San Luqa, Buġibba, limits of Saint Paul's Bay, which property is freehold, versu l-prezz komplessiv ta' mitt elf u wieħed (elf) u ħames mitt Ewro [€101,500.00] u soġġett għall-pattijiet u l-kundizzjonijiet elenkati fil-fuq imsemmi att.*

2. *Illi dan il-konvenju ġie debitament reġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi.*

3. *Illi meta r-rikorrenti ġew biex jersqu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali ta' bejgħ, sabu li s-soċjeta' intimata ma kenitx pronta li tagħti eżekuzzjoni għal dak li wegħdet u tbiegħ, tassenja u tittrasferixxi l-fondi in kwistjoni kif pattwit u skond il-kondizzjonijiet pattwiti;*

4. *Illi r-rikorrenti huma interessati li dan il-kuntratt isir u li s-soċjeta' intimata tiġi kkundannata tagħti eżekuzzjoni għall-konvenju fuq premess.*

5. *Illi għaldaqstant ir-rikorrenti interpellaw lill-intimata permezz ta' ittra uffiċjali [kopji hawn annessa u mmarkata bħala Dok B] sabiex taddivjeni għall-kuntratt definittiv skond it-termini u garanziji pattwiti iżda inutilment;*

6. *Illi bħala konsegwenza ta' dan ir-rikorrenti batew u għadhom qed ibatu danni;*

*Għaldaqstant in vista tal-premess, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tikkundanna lis-soċjeta' intimata sabiex tersaq għall-pubblikazzjoni ta' l-att tal-bejgħ tal-propjeta' mertu tal-konvenju bejn il-partiijiet in atti Nutar Dr Jean Paul Farrugia datat tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) fit-termini, u bil-pattijiet, kundizzjonijiet u garanziji tal-konvenji fuq premess;*

2. *Tinnomina Nutar Pubbliku biex jippublika l-att opportun u kuraturi biex jirrappreżentaw l-eventwali kontumaċi fuq dak l-att u tiffissa data, lok u ħin għal tali pubblikazzjoni;*

*U sussidjarjament jekk dak mitlub fl-ewwel u t-tieni talba mhuwiex possibli:*

3. *Tiddikjara lis-soċjeta' intimata responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti;*

4. *Tillikwida anke okkorendo permezz ta' periti nominandi d-danni sofferti mir-rikorrenti;*

5. *Tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas d-danni hekk likwidati lir-rikorrenti;*

6. *Tikkunanna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ispejjeż tal-preżenti kawża.*

*Bl-ispejjeż, inklużi iżda mhux biss dawk ta' l-ittra uffiċjali numru 672/18 u bl-imgħaxijiet kontra is-soċjeta' intimata li hija minn issa nġunta in subizzjoni.*

2. Rat illi fit-18 ta' April 2018, is-soċjeta' intimata laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi:

   1. *Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi s-soċjeta' rispondenti qatt ma rrifjutat li tersaq u taddivjeni għall-pubblikazzjoni tal-att finali ta' bejgħ u trasferiment u għadha sal-lum disposta illi tbiegħ, tassenja u titrasferixxi l-appartament in kwistjoni lir-rikorrenti konjuġi Cordina bl-istess prezz u taħt l-istess kundizzjonijiet sostantivi miftiehma fil-konvenju.*

   2. *Illi r-rikorrenti jafu ben tajjeb li meta huma ffirmaw il-konvenju datat 13 ta' Frar, 2017 il-blokk ta' bini li minnu l-appartament mertu tal-imsemmi konvenju jifforma parti kien għadu fi stadju ta' kostruzzjoni u l-appartament in kwistjoni ma kienx lest u kompletat fid-data ta' egħluq tal-konvenju minħabba raġunijiet illi mhumiex imputabbli lis-soċjeta' rispondenti, u dan kif se jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, iżda s-soċjeta' rispondenti kienet disposta li testendi l-imsemmi konvenju bl-istess prezz u taħt l-istess pattijiet u kundizzjonijiet b'terminu raġjonevoli sabiex l-appartament u l-blokk jilħqu jiġu kompletati, iżda r-rikorrenti konjuġi Cordina rrifjutaw li jagħmlu dan u minflok irrikorrew inutilment għal dawn il-proċeduri.*

   3. *Illi t-talba tar-rikorrenti konjuġi Cordina sabiex is-soċjeta' rispondenti tiġi kkundannata għall-ħlas tad-danni hija insostenibbli kemm għaliex il-bejgħ għadu jista' jsir u kif ukoll peress illi effettivament u f'termini reali r-rikorrenti ma sofrew ebda danni.*

   4. *Illi konsegwentement it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda.*

## Provi

3. Rat il-kopja tal-konvenju, datat 13 ta' Frar 2017, fejn is-soċjeta' intimata obbligat ruħha illi tbiegħ lir-rikorrenti sat-28 ta' Frar 2018, li minn naħa tagħhom obbligaw ruħhom illi jixtru, appartament Nru 5 fi block ta' flats li kien ser jinbena flok sit preżenti dak iż-żmien, ossija 60, Triq San Luqa, Buġibba, liema flat kellu jinbiegħ "*in a finished state as per attached list of specifications*".

4. Rat l-Ittra Uffiċjali datata 27 ta' Frar 2018, fejn r-rikorrenti interpellaw lis-soċjeta' intimata sabiex taddivjeni għall-pubblikazzjoni tal-att finali.

5. Rat ix-xhieda ta' **Joseph Cordina**, mogħtija fl-20 ta' Novembru 2018 w ir-ritratti minnu ppreżentati li juru l-istat tal-fond ftit jiem qabel ma xehed ir-rikorrent (fol 31 sa 52).

6. Rat illi dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-każ fit-23 ta' Ottubru 2019.

7. Semgħet ix-xhieda tan-Nutar **Jean Pierre Farrugia**, mogħtija fil-11 ta' Diċembru 2019 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppreżentata, ossija kopja leġibbli tal-Konvenju, ġia eżebit fi stat illeġibbli mir-rikorrent. (fol 63 - 68).

8. Semgħet ix-xhieda ta' Joseph Cordina mogħtija filġ11 ta' Diċembru 2019 w rat ir-ritratti meħuda mill-istess Cordina tal-fond in kwistjoni u meħuda fl-20 ta' Ottubru 2019 (fol 75 – 79), 23 ta' Novembru 2019 (fol 80 – 84) u 7 ta' Diċembru 2019 (fol 85 – 88) kif ukoll dokumentazzjoni dwar għamara minnu ordnati (fol 89 – 95) u dokumentazzjoni dwar kirjiet potenzjali minnu mitlufa (fol 96 sa 117).

9. Semgħet ix-xhieda ta' **George Grech**, rappreżentant tas-soċjeta' intimata, mogħtija fil-11 ta' Diċembru 2019.

10. Rat l-affidavit tal-**Perit Ivan Anthony Bondin**, ippreżentat mir-rikorrent, flimkien ma' rapport tiegħu datat 23 ta' Novembru 2020 (fol 134-152).

11. Rat illi fit-23 ta' Novembru 2020 ir-rikorrenti ddikjaraw illi huma ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw.

12. Semgħet ix-xhieda ta' George Grech, rappreżentant tas-soċjeta' intimata, mogħtija fit-12 ta' Frar 2021, u rat id-dokumentazzjoni minnu ppreżentata (fol 171 sa 183).

13. Rat illi fl-20 ta' April 2021, George Grech għarraf lill-Qorti illi l-fond kien lest u seta' jsir il-bejgħ, u għalhekk il-kawża ġiet differita.

14. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Joseph Cordina mogħtija fis-16 ta' Ġunju 2021.

15. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' George Grech mogħtija fis-16 ta' Ġunju 2021.

16. Rat illi fis-16 ta’ Ġunju 2021, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

17. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi, illi r-rikorrent konjuġi Cordina, fit-13 ta’ Frar 2017, daħlu f’konvenju mas-soċjeta’ Gorcin Co Limited, rappreżentanta minn George Grech, sabiex jakkwistaw il-flat 5, li kien ser jinbena fil-blokk ta’ appartamenti li kien ser jinbena flok 60, Triq San Luqa, Buġibba.

18. Jirriżulta illi l-flat kien qiegħed jinbiegħ “in a finished state”, kif aħjar deskritt fil-konvenju stess, fejn l-appartament kellu jkun lest bid-dawl u ilma, madum, bibien u toilet filwaqt illi l-partijiet komuni kellhom ikunu kollha lesti bil-Lift installat.

19. Jirriżulta illi l-kuntratt finali kellu jsir sa mhux aktar tard mit-28 ta’ Frar 2018.

20. Jirriżulta li, kif ammess mir-rappreżentant tas-soċjeta’ intimata, tali appartament kif ukoll il-partijiet komuni ma kinux lesti sat-28 ta’ Frar 2018, u kif jidher ivverbalizzat, il-fond kien fi stat lest kif obbligat ruħha s-soċjeta’ intimata, f’April tas-sena 2021.

21. Jirriżulta illi, ftit qabel ma skada l-konvenju, sar diskors bejn il-partijiet sabiex il-konvenju jiġi esitiż, iżda filwaqt li r-rikorrenti riedu jestendu l-konvenju sal-15 ta’ Ġunju 2018 (vide fol 171), is-soċjeta’ intimata riedet testendi l-konvenju sal-31 ta’ Diċembru 2018. (vide fol 172)

22. Jirriżulta illi ftehim għall-estenzjoni ma seħħx u għalhekk, fis-27 ta’ Frar 2018, ir-rikorrenti intavolaw Ittra Uffiċjali sabiex jinterpellaw lis-soċjeta intimata taddivjeni għall-kuntratt, kif rikjest mill-Liġi.

23. Jirriżulta illi, sussegwentement, ladarba l-kuntratt finali ma seħħx w il-konvenju lanqas ġie estiż, fit-23 ta’ Marzu 2018 ġew intavolati l-proċeduri odjerni.

24. Jirriżulta illi, fil-proċeduri odjerni, ir-rikorrenti għamlu żewġ talbiet distinti:

    a. Tikkundanna lis-soċjeta’ rikorrenti tersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt,

    JEW

    b. **<u>F’każ illi l-pubblikazzjoni ma tistax tiġi ordnata</u>**, tikkundanna lis-soċjeta’ intimata tħallas danni sofferti mir-rikorrenti.

25. Jirriżulta bl-aktar mod ċar, illi mid-diċitura tar-rikors promotur, it-tieni talba hija suġġetta għall-kundizzjoni illi “l-ewwel u t-tieni talba mhuwiex possibbli”.

**Ikkunsidrat**

26. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti jridu illi l-kuntratt finali jseħħ, tant illi Joseph Cordina, fix-xhieda tiegħu mogħtija fil-11 ta' Diċembru 2019, mistoqsi jekk iridx jixtri l-post, jgħid "*Ija u żgur. Ma rridx inċedih*" (fol 73). Huwa jerġa' jirrafferma dan fix-xhieda tas-16 ta' Ġunju 2021, fejn jerġa' jgħid "*u żgur li għadni rrid nixtri*", filwaqt illi jżid jgħid li dina ma kinetx il-posizzjoni tas-soċjeta' intimata, fejn skond ir-rikorrent "*l-aħħar li rċevejt qalli ... jekk ma ċċedix kollox ma nagħmlux il-kuntratt.*" (fol 187).

27. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, George Grech, li ammetta mal-Qorti illi minħabba f'xogħol ħażin li sar mill-bennej, parti mill-bini kellu jerġa' jinħatt u jinbena mill-ġdid u għalhekk ma tlestiex fil-ħin stipulat, saħaq illi huwa jixtieq li jsir il-kuntratt wkoll, u dana jgħidha fix-xhieda tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2019 fejn jistqarr illi "*jiena lest li niffirma l-kuntratt bl-istess kundizzjonijet u pattijiet*". (fol 124) Dina l-posizzjoni reġa' tenniha fit-12 ta' Marzu 2021 fejn, mistoqsi jekk kienx lest jagħmel il-kuntratt sa' l-aħħar ta' Marzu 2011, ikkonferma "*U żgur. Mela!*" (fol 170). Dina l-posizzjoni reġgħet ġiet ikkonfermata mill-istess Grech fis-seduta tas-16 ta' Ġunju 2021.

28. Jirriżulta illi, mix-xhieda tar-rikorrenti Joseph Cordina, huwa jistqarr li huwa ma riedx li joħroġ flus mill-but, u dana fis-sens illi huwa kien qiegħed jippretendi illi bil-proċeduri odjerni, apparti l-ordni biex isir il-kuntratt finali, jitħallas "*l-ispejjeż tal-kawża u jekk jista' jkun, imqar xi ħaġa milli tlift*" (fol 187).

29. Il-Qorti tirrileva illi t-talba għad-danni, kif redatta, fir-rikors promotur, hija suġġetta għall-kundizzjoni li dawna japplikaw BISS f'każ illi l-ewwel u tieni talbiet tiegħu, ossija li l-kuntratt finali jiġi ordnat, ma jkunux jistgħu jintlaqgħu.

30. Il-Qorti tirrileva wkoll illi jidher ċar, mill-provi kollha hawn fuq prodotti w mid-dikjarazzjonijiet kif hawn fuq deskritti u dikjarati varji drabi, illi s-soċjeta' intimata hija intenzjonata illi tagħmel il-kuntratt finali u r-rikorrenti huma disposti illi jersqu għall-kuntratt finali.

31. Il-Qorti tirrileva, għalhekk, illi t-talbiet għad-danni kif redatti fit-tielet, raba' u ħames talba ma jistgħux jiġu kkunsidrati minn dina l-Qorti, stante illi jidher ċar lil-ewwel u tieni talba ser jiġu akkolti.

32. Il-Qorti tirrileva wkoll illi, għal dak illi jirrigwarda kap tal-ispejjeż, huwa ċar illi l-kuntratt finali ma seħħx tort tas-soċjeta intimata w ir-rikorrenti kellhom kull dritt illi jipproteġu d-drittijiet tagħhom bil-proċeduri odjerni, u għalhekk tali spejjeż għandhom ikunu kollha a kariku tas-soċjeta intimata.

## Konklużjoni

Il-Qorti;

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha u semgħet ix-xhieda, tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tilqa'** t-tielet eċċezzjoni tas-soċjeta' intimata, filwaqt illi:

**Tiċħad** l-ewwel, it-tieni u raba' eċċezzjoni tas-soċjeta' intimata għar-raġunijiet spjegati.

**Tiċħad** it-tielet, raba' u ħames talba tar-rikorrenti, għar-raġunijiet fuq spjegati, filwaqt illi:

**Tilqa' l-ewwel u tieni talba** tar-rikorrenti u għalhekk:

**Tordna** lis-soċjeta' konvenuta Gorcin Co Limited tersaq għall-att finali għall-bejgħ tal-appartament Numru 5 fil-blokk ta' bini li ttella' flok il-fond 'Camelia', 60, Triq San Luqa, Buġibba, wara konvenju datat 13 ta' Frar 2017 fl-atti tan-Nutar Dr. Jean Paul Farrugia rigwardanti l-imsemmija proprjeta` kif hawn fuq deskritta, bl-istess kundizzjonijiet hemm stabbiliti.

**Tinnomina** lin-Nutar Robert John Muscat sabiex jippubblika l-att finali ta' bejgħ u sabiex jagħmel dawk l-atti kollha li huma neċessarji, inċidentali, anċillari u / jew konsegwenzjali għal dan il-għan.

**Tordna** illi l-kuntratt finali ta' bejgħ għandu jsir sa **mhux aktar tard minn tlett xhur mid-data tas-sentenza**, liema kuntratt għandu jsir ġewwa l-uffiċini tan-Nutar Robert John Muscat jew post ieħor illi jidhirlu opportun in-Nutar Robert John Muscat.

**L-ispejjeż** tal-proċeduri odjerni għandhom ikunu kollha a kariku tas-soċjeta intimata.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur